MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Numru. 817/2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Martin Azzopardi**, ta' 38 sena, bin Joseph u Maria *nee'* Zerafa, mwieled Mtarfa fil-15 ta' Lulju, 1966, residenti fil-fond bl-isem 'Lord's Heaven', Triq il-Mezzi, Naxxar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 293666(M).

Talli fl-24 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tal-4.30 ta' filghodu u matul ix-xhur ta' qabel din id-data mill-Isptar San Luqa bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkommettejt serq ta' diversi oggetti fosthom medicinali ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccediex l-elf lira Maltin, bil-persuna, bil-hin u bil-lok;
(bi ksur tal-Art 261 (c) (d) (e) (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta)

Talli fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi, xjentement lqajt ghandek hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat ser jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta,

jew, xjentement, b'kull mod lil jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;
(bi ksur tal-Art. 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghek sraqt l-imsemmija oggetti ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta liema oggetti kienu gew fdati lilek minhabba l-kariga jew impjieg tieghek.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat hlief ghat-tieni akkuza;

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni.

Stante li l-prosekuzzjoni ma ghandhiex provi fuq it-tieni akkuza li hija wahda alternattiva, ma ssibux hati u tilliberah minnha.

Fuq ammissjoni ssibu hati tal-ewwel u t-tielet akkuza.

Rat l-artikoli 261 (c) (d) (e) (f) , 267, 268, 269, 270, 279, 280, 281, u 294 tal-Kap 9.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum, skond l-art 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

Tordna li dawn l-atti jinbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------